

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1916**

tal-15 ta' Novembru 2019

li jstabilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-użu ta' tagħmir ajrudinamiku ta' wara skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE

(ĠU L 297, 18.11.2019, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/349 tat-2 ta' Marzu 2020	L 63	1	3.3.2020

▼B**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI
(UE) 2019/1916**

tal-15 ta' Novembru 2019

li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-użu ta' tagħmir
ajrudinamiku ta' wara skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE*Artikolu 1***Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-użu ta' tagħmir ajrudinamiku ta' wara mmuntat fuq vetturi u kombinazzjonijiet ta' vetturi skont id-Direttiva 96/53/KE.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "tagħmir" tfisser tagħmir ajrudinamiku mmuntat fuq wara ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi;
- (b) "pożizzjoni ta' waqt l-użu" tfisser il-pożizzjoni ta' tagħmir skjerat f'pożizzjoni ajrudinamika li tnaqqas il-frizzjoni;
- (c) "pożizzjoni magħluqa" tfisser il-pożizzjoni ta' tagħmir f'pożizzjoni li jkun jista' jiġi rtirat jew jintewa, b'mod li jkun sigur u sikur.

*Artikolu 3***Kundizzjonijiet operattivi****▼M1**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi mgħammra b'tagħmir fil-pożizzjoni ta' waqt l-użu fid-dawl tal-karatteristiċi speċjali ta' żoni urbani jew interurbani fejn il-limiti tal-veloċità jkunu 50 km/h jew anqas u fejn x'aktarx li jkunu preżenti utenti tat-triq vulnerabbli.

▼B

2. It-tagħmir għandu jkun fil-pożizzjoni magħluqa meta jew fejn ikun hemm bżonn ċertu attenzjoni jew kunsiderazzjoni speċjali. Dan jiġifieri:

- (a) waqt l-immanuvrar, l-irrivversjar jew l-ipparkjar tal-vettura;
- (b) meta l-vettura tkun ipparkjata;
- (c) waqt li jkunu qed jgħabbu jew iħottu xi oġġetti.

3. L-użu tat-tagħmir fl-operazzjonijiet tat-trasport intermodali għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) waqt it-thejija tat-trasport intermodali jew waqt it-trasport innifsu, it-tagħmir għandu jkun fil-pożizzjoni magħluqa;

▼B

- (b) it-tagħmir ma għandux jisporġi 'l barra b'aktar minn 25 mm fuq kull naħa tal-vettura u l-wisa' totali tal-vettura, inkluż it-tagħmir, ma għandhiex tkun aktar minn 2 600 mm;
4. It-tagħmir difettuż, mhux sikur jew bil-ħsara għandu jinżamm fil-pożizzjoni magħluqa jew, meta possibbli, jitneħħa minnufih.
5. B'eċċezzjoni għall-paragrafi 2 u 3(a), it-tagħmir mhuwiex meħtieġ li jkun fil-pożizzjoni magħluqa jekk, skont il-punt 1.3.1.1.3 tal-Parti B, il-punt 1.3.1.1.3 tal-Parti C, u l-punt 1.4.1.1.3 tal-Parti D tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012, ma jkunx meħtieġ li dan it-tagħmir irid ikun jista' jiġi rtirat jew irid ikun jista' jintewa, billi jkunu qed jiġu ssodisfati r-rekwiżiti dimensjonali massimi fil-kundizzjonijiet kollha.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.